



Brussell, 3 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

8917/19

Fajl Interistituzzjonal:

2019/0091 (NLE)

PECHE 220

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja
tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd
bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 241/2008¹ li jikkonkludi l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau ("il-Ftehim")². Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-15 ta' April 2008, ġie mġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ.
- (2) Fuq rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda fit-28 ta' Frar 2017 li jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.
- (3) Il-protokoll preċedenti tal-Ftehim skada fit-23 ta' Novembru 2017.
- (4) Il-Kummissjoni nnegożjat, f'isem l-Unjoni, protokoll ġdid. B'rīzultat ta' dawk in-negożjati l-protokoll il-ġdid ġie inizjalat fil-15 ta' Novembru 2018.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 241/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (ĠU L 75, 18.3.2008, p. 49).

² ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

- (5) L-għan tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024) ("il-Protokoll") huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tal-Guinea-Bissau jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli, l-użu responsabbi tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau u l-isforzi tal-Guinea-Bissau biex tiżviluppa ekonomija blu.
- (6) Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-iffirmar tiegħu.
- (7) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffírmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jittlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem Unjoni tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024) huwa b'dan awtorizzat soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew lill-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument 8894/19.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu³, sakemm jtitlestew il-proċeduri neċċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

³ Id-data li minnha għandu jiġi applikat provviżorjament il-Protokoll ser tīgi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.